**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Rikors Nru: 68/16MV**

**Nats Limited (C 50418)**

***3, Derby Street Marsa*.**

**Vs**

**Direttur Smart Recycling Limited (C 58959)**

***MRAT 024B Industrial Estate Marsa*.**

**Illum: 30 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ta' Nats Limited (C 50418) data 29 ta' Marzu 2016 fejn talbu lis-socjeta' intimate biex

'thallas is-somma ta' sitt elef sitt mija sebgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu ( Ewro 6667.69c) Ratpprezentanti ammont dovut minnek hekk kif indikat mill-istatements hawn

annessi u mmarkati Dok A. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittRat ufficjali u bl-imghaxxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.'[1]

Rat ir-risposta ta' Smart Recycling Limited C 58959 datata 4 ta' Mejju 2016 a fol 16 tal-process fejn eccepiet:

Bil-qima teccepixxi:

1. Preliminarjament in-nullita tar-rikors promotur stante li ma giex osservat l-artikolu 174(2)(b) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li hu tassattiv.
2. In linea preliminary wkoll, jigi eccepit li r-rikors promotur huwa null stante li huwa neboluz ghall-ahhar u ma jindikax b'mod car u sewwa l-oggett u t-tip tal-kawza esperita w ir-ragunijiet xtat-talba u kwindi s-socjeta konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. Minn dan il-lat l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car u univoku that liema artikolu tal-Ligi hija qeda tibbaza l-kawza taghha jew x'tip ta' kawza qeda tesperixxi. Ghal dan il-ghan l-eccipjenti qeda zzomm ferm id-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jigi ndikat lilha tali artikolu jew tip ta' kawza.
3. Illi in linea preliminary wkoll l-eccipjenti m'hiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici in kwantu m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u kwindi t-talba attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija priva minn kwalsiasi fundament guridiku u/jew fattwali. Fi Kwalunkwe kaz is-socjeta attrici trid tipprova n-ness guridiku fil-konfront tal-eccipjenti u f'dan

[1] A folio 1 tal-process.

ir-rigward l-esponenti minn issa tirrileva li ghandha tigi kkjamata fil-kawza s-socjeta Waste Recycling Centre Limited (C 30990).

4. Minghajr pregudizzju u dato ma non concesso li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet sudetti, in subsidium qed tigi eccepita l-preskrizzjoni, b'dan illi l-eccipjenti qeda tirriserva d-dritt li tindika l-artikolu relevanti tal-ligi hekk kif appena s-socjeta attricitindika l-bazi tat-talba taghha,
5. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.
6. Illi ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-eccipjenti stante li t-talba attrici fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.
7. Salvi jekk ikun il-kaz risposti, ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha

Rat l-affidavits u ix-xhieda tal-partijiet.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-Qosor.**

Is-socjeta' rikorrenti tallega li kienet tipprovdi servizzi lill-kumpanija Waste Recycling Centre Ltd. li id-direttur taghha kien certa DRatgan Chevetich mill-Yugoslavja li miet habta u sabta. Is-socjeta' rikorrenti kienet dovuta numru ta' pagamaneti mis-socjeta' Waste Recycling Centre Ltd.

Id-Direttur tas-socjeta' intimata Renald Farrugia kien informa lir-rikorrenti li kien iffurma kumpanija gdida bl-isem ta' Smart Recycling Limited u li kienet ser topeRat minflok is-socejta' Waste Recycling Centre Limited u li l-kontijiet pendent li kellha din tal-ahhar kellhom jigu indirizzata lis-socjeta' il-gdida. B' hekk is-socjeta rikorrenti bdiet taghti is-servizzi taghha lis-socjeta' il-gdida pero' f' daqqa wahda Renald Farrugia informa is-socjeta' rikorrenti li huwa ma kienx ser ihallas dak dovut mis-socjeta' Waste Recycling Limited u konsegwentement is-socjeta' rikorrenti waqfet milli tipprovdi is-servizi taghha u kien fadal is-somma ta' Ewro 6,667.69c li huma dovuti.

Is-socjeta' konvenut tghid li hija ma ghandha l-ebda ammonti dovuti. BarRat minn hekk tallega li l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli peres li l-kawza saret kontRat id-Direttur Smart Recycling Limited u mhux kontRat il-kumpanija Smart Recycling

Limited. Tishaq ukoll li Renald Farrugia, ma kienx involut fil-kumpanija tad-defunt DRatgan Chevetich Yugoslav u ma kienx lanqas direttur ta’ Waste Recycling Centre Limited.

**Provi**

Xehdet **Norman Flazon Scerri** waqt is-sedutat tat- 12 ta’ Ottubru 2017 li jghid li huwa direttrur fil-kumpanija rikorrenti u li martu AlexandRat Falzon Scerri kienet qed tiehu hsieb is-sitwazzjoni.[2]

Xhedet fl-istess gurnata **Alexandra Falzon Scerri** fejn ikkonfermat li hija direttrici fil-kumpanija rikorrenti. Tghid li il-kumpanija taghhom kienet tigbor il-materjal u tghaddih lil Waste Recycling Limited li kienet immexxija mis-Sur DRatgan li kien miet habta u sabta.[3] Tikkonferma li kien hemm ammont dovut u qabel ma riedu jipprocedu b’ xoghol iehor riedu jaRatw kif ser jibqghu fuq l-ammont dovut. Hija tghid li ma’ din il-kumpanija kien hemm Renald Farrugia li ma tafx jekk kellux sehem fin-negozju jew kien impjegat pero’ qalilha biex ma jinkwetax u li kien ser jirRatnga is-sitwazzjoni. Fil-fatt huma kienu qaqfu milli jghaddulu xoghol pero’ huwa ikkuntatjana, ossija Renald Farrugia, u qalilha li kien ifforma kumpanija gdida Smart Recycling Ltd. u l-kontijiet pendent ta’ qabel setghet tghaddihom lill-kumpanija il-gdida. Fil-fatt baght email f’ dan is-sens li hija

[2] A folio 28 tal-process.
[3] A folio 30 tal-process.

ipproduciet.[4] Tishaq li huma regghu bdew jaghtu ix-xoghol u l-intimat beda jhallas pero' meta bdew isaqsuh fuq l-ammont dovut talabhom ftit cans. Tghid is-segwenti:

*'Hu wkoll kien ihallas parti minn dak dovut minn qabel ghaliex kein ihallasna on account u minn dak l-ammont konna naqtghu l-invoices kurrenti u l-bilanc konna naqtghu mill-ammont dovut precedent. Pero' xorta kien baqa' ammont sostanzjali. F' daqqa wahda nfurmana li dan ma jridx ihallsu u ghalhekk ahna ma bqajnix naghtuh xoghol. Dan gaRat waRat li hallas bilanc u bhas-soltu qtajt l-invoice kurrenti u kont ser naqta' ammont dovut mill-bilanc ta' qabel u s-Sur Farrugia nfurmani li le ma jridx illi l-bilanc jinqata' mill-ammont dovut li kien ghadu dovut precedentement.'*[5]

Kontro-ezaminata tghid li il-pagamenti kien jaghmilhom is-Sur DRatgan ghal Waste Recycling Ltd ghax kollox kien tieghu pero' Renald Farrugia dejjem kien fil-kumpanija. Taqbel li parti mill-ammont hu dovut minn Waste Recycling Ltd. Pero' hemm ammont ukoll dovut minn Smart Recycling Ltd. U tishaq li hija kellha gaRatnzija mill-intimat li l-ammont kollu kien ser jigi saldat mill-kumpanija il-gdida. Mitluba ticcaRat l-ammonti dovuti miz-zewg kumpaniji tghid li Ewro 6, 159.28c huwa il-bilanc dovut minn Waste Recycling Ltd u l-invoices l-ohRat huma

[4] Dok. AFS1 Fol 35 tal-process.
[5] A folio 31 tal-process.

dovuti mill-kumpanija Smart Recycling Ltd. li tigi immexxija mis-Sur Renald Farrugia. Tispjega li:

*'Nghid illi fil-fatt kienu saru xi pagamenti fejn kien inqata' parti mill-bilanc dovut u parti minn negozju mat-tieni kumpanija u waRat xi pagamaneti kien infurmani li ma riedx jibqa' jhallas fuq l-ammont dovut mill-ewwel kumpanija.'*[6]

Tghid li ma tafx min assuma id-dejn tal-kumpanija Waste Recycling u li lanqas jinteressaha ghax id-dejn taghhom mal-kumpanija assumieh is-Sur Renald Farrugia permezz tal-email li kien baghtli. Tghid li huma kienu insistew fuq dik l-email ghax inkella ma kienux ser jaghtuh aktar xoghol huma. Infatti bdew jaghtuh xoghol waRat li intbaghtet l-email.

Xehed **Renald Farrugia** waqt is-sedutat tad-29 ta' Novembru 2017 fejn ikkonferma li huwa direttur ta' Smart Recycling Limited.[7] Jghid li ilu mit- 2013 jixtri il-kartun u jesportawh barRat. Jghid li huwa kein impjegat ta' Waste Recycling Limited u ghamel xi tlett snin impjegat taghha. Jghid li kien jikkordina il-lavRatnti pero' f' daqqa wahda id-direttur miet. Jghid lis-Sur Zvetich kien Serb. Din il-kumpanija kienet tixtri il-kartun u tesportah. Jghid li bejn Nats Ltd u l-kumpanija Waste Recycling Ltd. Kien hemm konnessjoni tajba u kienu jixtru il-materjal minn ghand Nats Ltd. Il-kumpanija tieghu giet inkorpoRatta fl-ahhar

[6] A folio 32 tal-process.
[7] A folio 41 tal-process.

tat- 2013 waRat li miet is-Sur DRatgan. Jghid li meta miet id-Direttur cempel lill-ibnu u irRatngalu biex jigi ghalih, jghid li il-mejjet kien jghix go flat u il-kumpanija kellha zewg gaRatxxijiet minn fejn topeRat. Lit-tifel kien infurmah li kien hemm min ghandu jiehu il-flus u qallu li jekk ikun ser jiehu xi flus minghand missieru kein ser ihallas lill-kulhadd minghajr problemi. Jghid lil Nats infurmahom b' din l-istorja li qed jixhed dwaRat. Jghid li in between u beda jahdem ma' Nats u beda jhallas. Qal li il-bilanc dovut ma setax jidhol ghalih. Jghid li l-email li baght kienet bhala Smart Recycling Ltd. Skond ix-xhud hu baghtha biex jghidilhom li ha jiftah kumpanija gdida bid-dettalji taghha[8]. Jghid ukoll:

*'Ghedtilhom ukoll hawn li any pending invoices sa two thousand twelve li ma humiex tieghi ghax jiena just kont lavRatnt hemm hekk mhux direttur ma nistax inhallas, biex jindirizzawhom lil Smart Recycling Limited halli jiena nkun nista' nghaddihom lit-tifel.'*[9]

Jghid li ried li l-invoices li jghadduhom lilu ghax it-tifel ma kellux konnessjonijiet ma' Malta. Jghid li Smart Recycling Ltd. qabdet fit-2013 mhux 2012. Jghid li l-invoices li baghtulu ghaddihom lit-tifel ta' DRatgan. Huwa ma irceviex dawn l-invoices biss minghandhom imma ukoll minn terzi persuni ohRat. Jghid li kwazi mija fil-mija it-tifel irrifjuta il-wirt ta' missieru u ma hallas lil hadd. Isostni li <u>ma jidhirlux</u> li ghamel pagamanet tal-arretRatti

[8] Is-Sur Law milli jidher kien lavRatnt ta' Nats Ltd.
[9] A folio 48 tal-process.

jghid li gieli tigi is-sinjuRat u kienet tghidlu biex jghamillha cheque ta' euro one thousand.[10]

Jghid li mas-socjeta' attrici huwa u il-kumpanija tieghu kellu relazzjoni tajba. Fuq l-arretrati tkellmu diversi drabi u s-sinjura qatt ma qaltlu li ried inhallashom jiena. Dejjem kont nghidilha li kont ser nikkuntatja lit-tifel halli jhallas. Qal li lanqas hu bhala paga ma ha xejn. Jghid li anki kirjiet tal-gaRatxxijiet kienu jcemplu lilu ghax kein Malti.   Wara ghidtilha li mir-ricerki li ghamel it-tifel ma hemmx flus pero' fuq xoghol tieghi dejjem hallastha sakemm ghazlet li tieqaf tahdem maghna[11]. Jghid li huwa dahal fix-xena meta miet Dragan ghax qabel hu kein jikkomunika mas-sinjura. Jghid li kumpaniji l-ohra mill-ewwel indunaw li huwa ma kellu x' jaqsam xejn.

Xehed **Norman Falzon Scerri** nhar it- 18 ta' Gunju 2018 jghid li l-istatment fuq il-process huwa dak li ibbazata il-kawza.[12] Jghid li ma ghjandux idea il-ghala l-istatement ezebih waRat. Jghid li il-pagamenti dovuti huma tas-snin minn 2012 sa 2014.  Jghid li la ma thallsux huma ma tawhx aktar xoghol. Jghid li in-negozju kien ma' Waste Recycling Centre Ltd. Jaqbel li l-istatement jghajjtu lil din il-kumpanija.

---

[10] A folio 50 tal-process.

[11] Min jallega li hallas irid igib prova tieghu skond il-ligi.  Din il-prova tista' tkun permezz ta' dokumenti jew prova ohRat li pero' tikkonvinci lill-min hu imsejjah biex jiggudika.  Kif ser jinghad aktar 'l isfel il-Qorti mhux konvinta xejn li l-invoices imnizzla fl-istatement gew imhallsin mis-socjeta' intimata. ARat per ezemplju dak deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelina sive Lina armla ta' Victor Camilleri et vs Paul Mifsud** ( App. Civ. 1590/1994/1) per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

[12] A folio 61 tal-process.

Xehed il- **P.L. Quentin Tanti** f'isem ir-Registru tal-Kumpaniji nhar it- 8 ta' Mejju 2019.[13] Jghid li mit- 30 ta' April 2010 id-Direttur u segretarju tal-kumpanija uniku tal-kumpanija Waste Recycling Centre Limited C 30990 kien is-Sur Dragan Chevetich. Din il-kumpanija gie inkorporata fis- 17 ta' Frar 2003 u qabel kien hemm certu Joseph Urpani involut fiha bhala direttur.

Dwar Smart Recycling Limited C 58959 din giet inkorporata fit-13 ta' Jannar 2013 hu id-diretturi huma Ivan Chevetich u Renald Farrugia u ir-Rapprezentata legali huwa kull direttur.[14]

Xehed **Chris Mercieca** permezz ta' affidavit fejn jghid li Smart Recycling Ltd. ma assumitx id-djun ta' Waste Recycling Ltd. u dan jafu ghax hu l-accountant tas-socjeta' konvenuta.[15]

Xehed **Semen Spiridonov** nhar is-16 ta' Dicembru 2020 bil-lingwa Ingliza fejn jghid li hua ghamel l-auditjar tal-kumpanija u li l-accounts ta' Nats Ltd. jaghmilha wiehed mill-impjegati tal-istess kumpanija.[16] Jghid li bhala awditur jiehdu sample tat-tRatnsazzjonijiet u xi affarijiet materjali li jistghu jolqtu lill-kumpanija jinnotawhom ukoll. Hu jghid li kine jikkomunika ma' certa Alan pero fl-ahhar mill-ahhar id-diretturi huma

[13] A folio 72 tal-process.
[14] A folio 73 tal-process.
[15] A folio 118 tal-process. **Fil-fatt dan mhu affidavit xejn ghax ma jidhirx li huwa guRatmentat u lanqas biss ghandu id-data ta' meta u fejn ittiehed. Il-Qorti ghalhekk ser tiskartah ghax ma jaghmilx prova skond il-ligi.**
[16] A folio 129 tal-process.

responsabbli. Jispjega li biex jaRat min huma id-debitur ta’ Nats Ltd. irid jghid lill accountants u mhux lilu.

**Ikkunsidrat:**

Att dwar il-Kumpanija Kap 382 tal-Ligijiet ta’ Malta.

"direttur" tinkludi kull persuna li jkollha l-kariga ta’ direttur ta’kumpanija, ikun x’ikun l-isem tagħha, li sostanzjalment taqdi l-istess funzjonijiet dwar it-tmexxija tal-kumpanija, bħal direttur;[17]

"korp ġuridiku" tfisser kull entità li għandha personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħha, u tinkludi korpoRatzzjoni barRatnija;

"kumpanija" tfisser kumpanija ffurmata u reġistRatta taħt it-Taqsima V ta’ dan l-Att jew taħt l-Ordinanza;

"segretarju ta’ kumpanija" tfisser persuna li jkollha l-kariga ta’segretarju ta’ kumpanija skont l-artikolu 138;

"uffiċjal" dwar kumpanija, tinkludi direttur, manager jew segretarju tal-kumpanija, iżda ma tinkludix awditur;

[17] Responsabilitajiet tad-diretturi jinsabu fl-artikolu 137 et seq.

Il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem fuq is-segwenti:

1233 (1) Bla ħsarat tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b' kitba privata, taħt piena ta' nullità - (ċ) il-gaRatnziji;

1925. Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintRatbat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.

1928. (1) Wieħed jista' jidħol garanti mingħajr ma tkun tablet jew ukoll mingħajr ma tkun taf il-persuna li għaliha jobbliga ruħu.

(2) Wieħed jista' wkoll jidħol garanti mhux biss tad-debitur prinċipali, iżda wkoll tal-gaRatnti tiegħu.

1929. Il-gaRatnzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; u ma tistax tinħareġ barra mil-limiti li fihom tkun ġiet ikkuntrattata.

1930. (1) Fil-garanzija mogħtija bi kliem ġenerali għal obbligazzjoni prinċipali, jidħol ukoll dak kollu li hu aċċessorju għad- dejn.

**Ikkunsidat:**

Il-Qrati taghna dejjem rritenew li is-socjeta' hija persuna distinta' mill-membri li jikkostitwuha. Infatti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Ignazio Anastasi et vs Joseph Rossignaud et** deciza fid-9 ta' Mejju 1958 per S.T.O. Prim IMhallef Professur Dr. Sir Anthony Mamo flimkien mal-Imhallfin A. J. Montanaro Gauci u W. Hardin intqal:

**'Skond il-ligi kumercjali taghna, ma hemmx dubbju li s-socjetajiet kummercjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalita' legali diversa mill-personalita' individwalital-membri li jikkomonuha…'**

Fil-kawza **Anthony Briffa f' ismu propju u ghan-nom u in Ratpprezentanza tas-socjeta' The Bathline Limited vs Vincent Oliver Abela f' ismu propju u ghan-nom u in Ratpprezentanza tas-socjeta' Laila CeRatmics Enterprises Limited** (Cit. Nru. 486/1994/3) deciza fit- 28 ta' Marzu 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Philip SciberRats gie precizat is-segwenti fuq ir-responsabilita' u ir-rwol tad-Diretturi f' kumpanija:

**'Jirrizulta illi r-responsabilita` shiha ghal dik li hi l-gestjoni tal-kumpanija konvenuta kienet f'idejn il-konvenut, qua "managing director" taghha; L-attur tajjeb jirrileva fin-Nota**

**ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (A folio 700) illi fuq it-taghlim gurisprudenzjali akkolt f'bosta sentenzi, "id-direttur f'socjeta` hu meqjus bhala mandatarju tas-socjeta` fir-relazzjonijiet interni ma' dik l-istess socjeta` filwaqt li hu kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta' dik is-socjeta` fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi persuni.**

**Minkejja din id-distinzjoni fil-prattika, anke mil-lat legali, ftit jista' jkun hemm divergenza bejn dawn iz-zewg tipi ta' Rapprezentanza u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 49 tal-Kodici tal-Kummerc fir-rigward tal-ligi applikabbli ghal Rapprezentanza kummercjali. Ir-riferenza li jaghmel dan l-artikolu hi ghall-artikolu tal-ligi fil-Kodici Civili li jitratta l-Mandat (Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili)." - "Dottor Anthony H. Farrugia nomine -vs Vernie Carbone nomine", Appell, 30 ta' Mejju 2001;**

**Issa hu minnu li d-disposizzjonijiet ta' l-Att XXV ta' l-1995 li jirrigwarda l-Kumpaniji huma mahsuba, senjatament l-Artikolu 137 tieghu, biex jizguraw li s-socjeta` taghmel tajjeb ghall-opeRatt tad-diretturi taghha fdati bl-amministrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni ta' responsabilita` fit-tmexxija taghha. (Ara sentenza fl-ismijiet "Catherine Galea -vs- Milica Micovic noe", Appell, 19 ta' Novembru 2001;'[18]**

[18] Pagna 9.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fuq l-assunzjoni tad-debitu u il-garanzija il-Qrati taghna kellhom is-segwenti xi jghidu:

Fis-sentenza **Attard & Co. Limited vs MA Supermarkets Limited u Michael Debono** (Cit. Nru. 34/2002/1) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta' Marzu 2003 per Onorevoli Imhallef Tonio Mallia intqal is-segwenti fuq min jassumi dejn ta' haddiehor:

**'Issa, skond il-ligi – ara artikolu 1233(1)(c) tal-Kodici Civili – il-gaRatnzija, biex tkun valida, trid tirrizulta bil-miktub u dan taht piena ta' nullita'. Pero', kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bartolo vs Vigo" deciza fis-7 ta' Gunju, 1929, (Vol. XXVII.1.817) "l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figuRat giuridica diversa dalla fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la libeRatzione del debitore".**

**Dan il-kuncett ta' assunzjoni ta' dejn ta' haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, pero', tali prova trid tkun caRat,**

**certa u konkludenti. Il-fatt li persuna, per ezempju, tofri biex thallas dejn ta' haddiehor, ma jfissirx li dik il-persuna assumiet dak id-dejn hi. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Zammit vs Frendo Azzopardi" deciza fl-14 ta' Mejju, 1943, "biex ikun hemm il-figura guridika ta' assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn".**

**F'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-konvenut Michael Debono assuma personalment li jhallas id-dejn tal-kumpanija. Ma jirrizultax preciz x'diskors sar waqt il-laqgha li kellhom il-partijiet. Il-konvenut jichad kategorikament li hu assuma personalment li jhallas id-dejn tal-kumpanija.'**[19]

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Saviour Farrugia, ufficcjal inkarigat mis-Sezzjoni arretrati ghan-nom u in Rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalyta u b' digriet tas-6 ta' mejju 1988 l-isem l-attur ghandu jinbidel u jigi jaqRat 'Maltacom plc' vs Joyce Farrugia u b' digriet tas-7 ta' Marzu 1997 giet imsejjha fil-kawza s-socjeta' Amphora Travel** (Cit. Nru. 1521/1995/1) deciz fis- 7 ta' Lulju 2004 per Onorevoli Imhallef Tonio Mallia elaborat is-segwenti:

[19] Pagna 4 u 5.

**Hu, pero', maghruf li terza persuna tista' tassumi fuqha dejn ta' hadd iehor. Dan isehh billi obligazzjoni ta' hadd iehor jaghmilha tieghu minn jassumiha. In tema guridiku, l-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" ossija tal-"animus solvendi debiti alieni" tad-dritt Ruman (aRat Kollez. Vol. XLI.II.924). Josserva l-Baudry ("Fideissione" para. 916), "la promessa di pagare il debito altrui non e' una vera fideiussione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione". Tali assunzjoni ta' dejn mhux mehtieg li tirrizulta minn xi kitba, izda minn kwalunkwe prova ohra, basta tkun cara u konkludenti (ara "Attard & Co Ltd vs M.A. Supermarkets Ltd et", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2003).**

**……………………………………………………………………………………**

**Din l-ittra hija iffirmata minn Joyce Farrugia, u ma gietx iffirmata minnha f'isem xi hadd iehor jew f'isem xi kumpanija. Meta tqies li, kif qablet l-istess konvenuta, hija qatt ma kienet impjegata fl-agenzija (Amphora Travel Ltd), qatt ma hadet sehem fin-negozju u minn Settembru, 1991, qatt ma dahlet fil-post, (aranx-xhieda li tat il-konvenuta fil-kawza li hi fethet bic-citazzjoni numru 113/95), din l-ittra mibghuta f'Gunju tat-1993 ma tistax tfisser xi haga ohra hlief li l-**

**konvenuta kienet qed tassumi personalment li thallas dak id-dejn, u din avvolja fuq l-ittra, bhala indirizz taghha, tat l-indirizz tal-agenzija. Din l-ittra, fil-fehma tal-Qorti, hi assunzjoni cara da parti tal-konvenuta biex thallas il-kont fuq in-numru tat-telephone 336151, u meta talbet il-possibilita li thallas l-ammont b'rati mensili, kien qed tirrikonoxxi lilha nfisha bhala debitrici tal-kont. B'dik l-ittra, l-konvenuta assumiet ir-responsabilita' tal-hlas tal-kontijiet li johorgu fuq dak in-numru, u kwindi, bhala debitrici principali ghandha obbligu thallas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici marbut ma dak in-numru.**[20]

Fis-sentenza **Pardi Entreprises Limited vs Joseph Farrugia u Michael Camilleri** (Appell Civili – Ghawdex Nru. 34/1988/1) deciz mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Lulju 2003 per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras gie konstatat is-segwenti:

**Fil-Kodici Civili taghna l-materja hi raffigurata f'dak dispost fl-Artikolu 1148 (2) tieghu. Dan fis-sens li "l-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkolliex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur, jew, jekk tagixxi fl-isem taghha nfisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur".**

[20] Pagni 5 u 6. Ikkonfermata (hlief ghal quantum tat-talba u l-kap tal-ispejjez) mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' FRatr 2008 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Onorevoli Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**Minn dan it-test tal-ligi huwa desumibbli illi l-kreditur la jista' jaderixxi u lanqas jirrifjuta l-offerta tal-hlas mit-terz. Dan huwa argomentat ukoll minn dak precizat fl-Artikolu 1149 (1) tal-Kap 16.**

**F'kull kaz pero` l-obbligu tal-pagament jibqa' guridikament dejjem fuq id-debitur tal-kreditur. Id-delegazzjoni hi perfezzjonata bil-kompartecipazzjoni tad-debitur u t-terz biss izda tikkompleta ruhha bl-indikazzjoni lill-kreditur tat-terza persuna li lilha d-debitur jiddelega biex thallas. Il-partecipazzjoni tal-kreditur mhiex rekwizit ghal finijiet tal-istess delega, u anzi ma hijiex rikjesta biex tissussisti d-delegazzjoni. Hi pero` necessarja l-adezjoni tad-delegatarju intiza bis-semplici accettazzjoni tad-delegazzjoni.**[21]

**Ikkunsidrat:**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali l-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel ir-rijassunt segwenti li johrog mill-provi:

1. **Is-socjeta' rikorrenti kellha relazzjoni lavorattiva mas-socjeta' Waste Recycling Centre Limited (C 30990);**

[21] Pagna 7.

2. **Waste Recycling Centre Ltd. giet inkoroporata fis- 17 ta' FRar 2003 u mit- 30 ta' April 2010 l-uniku Direttur u Segretaju tal-Kumpanija kien is-Sur Dragan Cvetic.**[22]
3. **Ir-relazzjoni lavorattiva bejn Nats Ltd u Waste Recycling Ltd. u bejn id-diretturi rispettivi taz-zewg kumpaniji kienet wahda tajba;**
4. **Dragan Cvetic miet hesrem fit- 13 ta' Dicembru presunibilment tal-2012;**[23]
5. **Smart Recycling Limited (C58959) gie inkorporata fl-14 ta' Jannar 2013;**[24]
6. **Renald Farrugia fil-vesti tieghu ta' Direttur ta' Smart Recycling Ltd. kiteb email lis-Sur Alan Law fl-24 ta' Frar 2013 (A folio 35 a A folio AFS 1 tal-process) fejn kiteb is-segwenti:**

***'Smart Recycling Ltd., <u>which was incorporated instead</u> of Waste Recycling Ltd……***

***Kindly note that going forward, the invoices of 2013 should be addressed to……***

---

[22] Dok QT 1 a A folio 76 tal-process.

[23] A folio 42 tal-process.

[24] Dok QT2 a A folio 89 tal-process. **Dan jikkontRatsta max-xhieda ta' Renald Farrugia li jghid li is-socjeta' giet inkorpoRatta fl-ahhar ta' 2013. A folio 44 tal-process.** Interessanti li wiehed miz-zewg diretturi huwa certa Ivan Cvetic u ix-sharholders huma Ema Investments Ltd u Ema Cvetic li ghandhom l-istess kunjom tad-defunt DRatgan Cvetic. Prova tan-ness bejn dawn il-partijiet mhux maghrufa u ghalhekk il-Qorti <u>mhux ser</u> tispekula jekk id-Direttur il-gdid u ix-shareholders tal-kumpanija Smart Recycling Ltd. jigux mid-defunt!

***<u>Any pending 2012 invoices</u> should also be addressed to Smart Recycling Ltd.'***[25]

7. **Wara din l-email is-socjeta' rikorrenti bdiet taghti ix-xoghol lil Smart Recycling Ltd.[26]**
8. **Statement mibghut lil Smart Recycling Ltd. huma datata bejn Frar 2013 sat- 28 ta' Frar 2014;[27]**

**Ikkunsidrat:**

Wara li fliet l-atti processwali u hasbet fit-tul fuq il-vertenza bejn il-partijiet il-Qorti temmen li l-affarijiet graw bil-mod segwenti.

Minghajr dubbju Renald Farrugia ma kellux l-ebda rwol ezekuttiv fil-kumpanija Waste Recycling Limited u id-defunt DRatgan Cvetic biss kellu rwol ezekuttiv. Ma hemmx dubbju li mal-mewt habta u sabta tas-Sur DRatgan Cvetic l-impjegat Renald Farrugia spicca lampa stampa u ukoll il-Qorti tasal biex temmen li fl-ewwel jiem u gimghat beda jikkordina l-affarijiet ma' iben il-mejjet. Kien hawn li Renald Farrugia ma' Ema Cvetic u Ivan Cvetic fethu kumpanija ohRat fuq l-istess linja ta' Waste Recycling Limited u semmewha Smart Recycling Limited. Gustament, Renald

[25] Sottolinejar tal-Qorti.
[26] Infatti l-ewwel invoice pendent huwa 25/2/2013 jigifieri l-ghada tal-email.
[27] Dok AFS 2 A folio 34 tal-process.

Farrugia uzaw il-kuntatti u l-gherf akkwizit matul is-snin biex ikomplu fin-negozju ta' Waste Recycling Centre Ltd.

Il-Qorti ma temminx li Renald Farrugia kellu kuntatt biss mat-tifel tad-defunt kif qed jipprova jaghti x' jifhem hu. **Biss biss hu ipprova jisvija lill-Qorti meta infethet il-kumpanija li hu direttur taghha Smart Recycling Ltd. kif diga' intqal aktar 'l fuq.**[28] Il-Qorti temmen li s-socjeta' rikorrenti ma riditx tkompli in-negozju mal-kumpanija il-gdida u ma' Renald Farrugia qabel ma jkolla l-assikuRatzzjoni li dawn tal-ahhar ser jaghmlu tajjeb ghall-ammonti dovuti minn Waste Recycling Limited. Renald Farrugia baght l-email u assuma l-impenji tal-kumpanija Waste Recyclying Limited ghax ladaRatba il-kumpanija fejn hu kien direttur ma kienitx tesisti fl-2012 alluRat konsegwentement l-invoices li kien qed jirriferi ghalihom kienu dawk tal-kumpanija ta' DRatgan Cvetic. Mhux hekk biss imma se mai permezz tal-email huwa zvija lis-socjeta' rikorrenti u ir-Ratpprezentati taghna ghax kiteb u **gideb** li Smart Recyling Limited ***giet inkorporata minflok*** Waste Recycling Limited. Testimonjanza tan-nuqqas ta' verita' f' dan l-aspett minn-naha ta' Farrugia hija ix-xhied tal-prokuRattur legali Tanti u id-dokumenti ezebiti minnu. Infatti Waste Recycling Centre Limited tidher li ghada fuq il-kotba tar-Registry of Companies. Dan jista' juri biss li Renald Farrugia, qua Direttur tal-kumpanija il-gdida ma riedx jitlef lil Nats Limited bhala supplier tieghu, tal-anqas sakemm jaqbad sew in-negozju tieghu! Infatti baqa' jgebbed din ir-relazzjoni lavorattiva sakemm felah u

[28] Footnote 22 tas-sentenza.

kienet is-socjeta' rikorrenti li temmet din ir-relazzjoni meta indunat li Farrugia ma kienx qed izomm kellmtu dwar il-hlas.

Ma hemm xejn fl-email mibghutha minnu jew f' xi korrisponenda sussegwenti x' juri li dak li issa qed isostni Renald Farrugia, ossija, li huwa kien qed jikkomunika mar- Rapprezentanti ta' Nats Limited a nom u f' isem it-tifel tad-defunt Dragan Cvetic, li qatt ma ingib jixhed f' dawn il-proceduri. Dan mhux sostnut la b' emails u lanqas b' dokumenti ohra. Il-Qorti kienet tistenna li waRat diversi snin li bdew dawn il-proceduri l-intimat igib prova tajba biex isostni l-asserzjonijiet tieghu. Ladarba din il-prova ma tesistix, anzi kollox jidher li permezz ta' dik l-email, Renald Farrugia serrah ras s-socjeta' intimata li huwa kien ser ihallas l-invoices, allura kien lecitu li din tal-ahhar tahseb u temmen li l-affarijiet pendenti kienu ser jithallsu mis-socjeta' intimata. WaRat kollox l-istatementipprezentat mis-socjeta' rikorrenti qatt ma gie ikkontestat mis-socjeta' intimata QABEL ma inbdew dawn il-proceduri. Kien jistenna li jekk is-socjeta' intimata ma taqbilx mal-invoices u mal- istatments mibghutha tipprotesta minnufih u mhux tistenna li jibdew proceduri kontriha f' Marzu 2016. Dan ikompli jikkonferma li is-socjeta' intimata kienet komda bl-istatement datat 10 ta' Marzu 2015 u qatt ma pprotestat dwar l-invoices hemm imnizzla li addirittura imorru ghall-2013 u 2014! BarRat minn dan jidher mid-dikjaRatzzjoni ta' Alexandra Falzon Scerri li kien hemm xi zmien meta' diga kienu qed jaqtghu l-ammonti dovuti mis-socjeta' Waste Recycling Centre Limited

minghand is-socjeta' Smart Recycling Limited, xi haga li bl-ebda mod ma giet attakkata mis-socjeta' intimata.[29]

Il-Qorti lanqas thoss li l-email hija xi forma ta' garanzija kif qed jikkontendi l-abbli avukat difensur tas-socjeta' intimata u allura kellu japplika l-artikolu 1233(1)( c) tal-Kap 16 u dan ghaliex ix-xoghol u in-negozju mas-socjeta' Waste Recyclying Centre Ltd. kien diga' sar fl-2012 u alluRat is-socjeta' intmata qatt ma setghet tidhol garanti ta' xi haga passata fi Frar 2013. Li ghamlet is-socjeta' intimat talbet li jintbaghtu lilha l-invoices 2012 halli tkun tista' tipprocessahom u jsir i-hlas. Xi haga li wara naqset li taghmel.

**Mill-assjemt tal-provi u fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana fuq din il-materja l-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ippruvaw it-talba taghhom skond il-ligi.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda (1) Tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti kif dedotta u (2) Tordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' Ewro 6,667.69c bl-imghax legali jibda jiddekorri mill-10 ta' Dicembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.[30]

---

[29] A folio 31 tal-process.
[30] A folio 38 (waRat).

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha a karigu tas-socjeta' intimata.

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.,M.Jur**

**Iamin Guarracino**

**Deputat Registratur.**